In-Numru tan-Notifika : 2016/0252/I (Italy)

# Regolament dwar ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti fitosanitarji maħsuba għall-utenti mhux professjonali.

Data tal-wasla : 31/05/2016
Tmiem tal-Waqfien : 01/09/2016 (01/12/2016) (closed)

## Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2016) 01601
Direttiva (UE) 2015/1535
Traduzzjoni tal-messaġġ 001
Notifika: 2016/0252/I

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéseket - Ma’ jiftaħx il-perijodi ta’ dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - Не се предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201601601.MT)
1. MSG 002 IND 2016 0252 I MT 31-05-2016 I NOTIF

2. I

3A. MINISTERO DELLO SVILUPPO ECONOMICO
Direzione generale per il mercato, la concorrenza, il consumatore, la vigilanza e la normativa tecnica
Divisione XIII - Normativa tecnica e sicurezza e conformità dei prodotti
00187 Roma - Via Sallustiana, 53
tel. +39 06 4705.5430 - .5340 - e-mail: ucn98.34.italia@mise.gov.it

3B. MINISTERO DELLA SALUTE
Direzione generale per l'igiene e la sicurezza degli alimenti e della nutrizione
Ufficio 7 - Sicurezza e regolamentazione dei prodotti fitosanitari
Roma

4. 2016/0252/I - C40A

5. Regolament dwar ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti fitosanitarji maħsuba għall-utenti mhux professjonali.

6. Prodotti fitosanitarji maħsuba għal utenti mhux professjonali

7. -

8. L-abbozz ta' regolament, magħmul minn 11-il artikolu u anness tekniku, jiddefinixxi rekwiżiti speċifiċi ta'

awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti fitosanitarji għal użu "mhux professjonali", u ċerti rekwiżiti għall-bejgħ ta' tali prodotti, filwaqt li jitqies li l-utent li għalih huma maħsubin huwa eżentat mill-obbligu tat-taħriġ iċċertifikat u normalment la jkollu għarfien adegwat dwar l-effetti ta' ħsara potenzjali għas-saħħa u l-ambjent li jistgħu jirriżultaw mill-użu ta' tali prodotti, u anqas il-kompetenzi neċessarji għal applikazzjoni korretta ta' miżuri għall-protezzjoni tal-bniedem u tal-ambjent li ma jaqgħux taħt il-prattiki normali tal-iġjene u t-tindif.

9. Il-ħruġ tar-regolament notifikat huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat li l-prodotti fitosanitarji maħsuba għall-użu mhux professjonali jissodisfaw rekwiżiti importanti ta' sigurtà għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, b'mod partikolari għall-utent stess u għal dawk kollha li jistgħu jiġu f'kuntatt dirett jew indirett mal-prodotti msemmija, fil-fażi tal-immaniġġar u l-użu kif ukoll waqt il-konservazzjoni domestika.
Ir-regolament huwa neċessarju wkoll sabiex jitwettqu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/128/KE, Artikolu 13: "L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa fir-rigward tal-pestiċidi awtorizzati għal utenti mhux professjonali biex jevitaw operazzjonijiet ta' maniġġar perikolużi. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu l-użu ta' pestiċidi ta' tossiċità baxxa, formulazzjonijiet imħejjijin minn qabel għall-użu u limiti fuq id-daqsijiet ta' kontenituri jew ippakkjar", rikonoxxuta mill-ordni interna bid-Digriet leġiżlattiv Nru 150/2012.
Id-Digriet Leġiżlattiv imsemmi hawn fuq, Artikolu 10(4), jagħti lill-Ministeru tas-Saħħa, flimkien mal-Ministeru tal-Politiki Agrikoli, Alimentari u tal-Forestrija u l-Ministeru tal-Ambjent u tal-Ħarsien tat-Territorju u tal-Baħar, il-kompitu li jadottaw "dispożizzjonijiet speċifiċi għall-identifikazzjoni tal-prodotti fitosanitarji maħsuba għall-utenti mhux professjonali".

10. Referenzi għat-testi bażiċi: Digriet Interministerjali tat-22 ta' Jannar 2014, dwar l-adozzjoni tal-Pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-użu sostenibbli tal-prodotti fitosanitarji skont l-Artikolu 6 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 150/2012: Anness

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. -

16. Aspetti OTK

LE – L-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Aspetti SPS

Le – L-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja

**********
Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta’ kuntatt (UE) 2015/1535
Fax: +32 229 98043
email: grow-dir83-189-central@ec.europa.eu